

Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

L-GHAXAR ' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 9/ K10/ 2026

Data tal-Laqgha: 9 ta' Settembru 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ltaqa' fil-17.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI:

Raymond Schembri - Sindku
Miguel Abela - Viċi Sindku
Jean Paul Barbara - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier
Jean Toin Magri - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Sindku : Raymond Schembri
Viċi Sindku : Miguel Abela
Kunsilliera : Jean Paul Barbara Ryan Tanti, Jean-Toin Magri
Segretarju Eżekuttiv : Shawn Tanti

9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

9.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 08/K10/2026;

9.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 08/K10/2026 **(Dok.1).**

9.2.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda

9.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.3.1 Is-Sindku jinforma lir-residenti li sar xogħol ta' qtugħ u tindif tal-ħaxix fi Triq William Reid, bħala parti mill-ħidma kontinwa tal-Kunsill Lokali sabiex jinżammu l-inħawi nodfa, miżmuma u f'kundizzjoni aħjar.

9.3.2 Is-Sindku jinforma lir-residenti li, bħala parti mill-ħidma kontinwa tal-Kunsill Lokali għat-titjib tal-ispazji pubbliċi, sar ukoll xogħol ta' tibdil tal-bankijiet fil-Ġonna tal-Familja.

Is-Sindku jinforma lir-residenti li sar xogħol ta' installazzjoni ta' tabelli ġodda ta' sinjaletika fiż-żona tal-Iskola Primarja.

9.4 Twegibiet ghal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

9.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

9.5 Attivita Harrub Skola Primarja

9.5.1 Is-Sindku jinforma li fil-jiem li ġejjin se tittella' attività relatata mal-Ħarrub fl-Iskola Primarja. Din l-attività għandha l-għan li tqajjem aktar għarfien fost it-tfal dwar l-importanza tas-siġar indiġeni, in-natura u l-ħarsien tal-ambjent tagħna. Permezz ta' inizjattivi edukattivi bħal dawn, inkomplu nħeġġu lit-tfal japprezzaw il-wirt naturali tagħna u jikbru b'aktar għarfien u rispett lejn l-ambjent. Il-Kunsill Lokali jibqa' kommess li jappoġġja inizjattivi edukattivi u ambjentali għall-ġid tal-komunità tagħna.

9.5.2 Il-Kunsillier Jean Toin Magri ssekonda.

9.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.6 Parir Gann Mari Abela

9.6.1 Is-Sindku propona sabiex inkelmu lil Avukat ghal parir fuq it-Triq Gann Mari Abela

9.6.2 Il-Vici Sindku Miguel Abela ssekonda.

9.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.7 Gieh Had-Dingli u Rikonoxximenti

9.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, wara li l-Bord tal-Għażla temm il-ħidma tiegħu u ppreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, ir-rikonoxximenti għandhom jingħataw skont il-lista u d-dettalji kif indikati fid-Dokument A anness.

9.7.2 Il-Vici Sindku Miguel Abela ssekonda.

9.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.8 PC/00052/26

9.8.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru ta' referenza **PC/00052/26**, sabiex tiġi diskussa u kkunsidrata mill-Kunsill skont il-proċeduri u l-kunsiderazzjonijiet rilevanti.Sahaq ukoll li ghandna nuru interess biex inkunu parti fuq il-board.

9.8.2 Il-Kunsillier Jean Paul Barbara ssekonda.

8.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti

9.9.1 Is-Sindku Raymond Schembri pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 2 sa Dok. 3)**

9.9.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

9.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10 Mozzjonijiet

9.10.1. Ma Kien hemm l-ebda mozzjoni

9.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.11.1. Il-laqgħa intemmet fl-19-.15 u giet oġġornata ghad- 5 ta' Ottubru fil-17.00

9.11.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

9.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 5 ta' Ottubru, 2026

FFIRMATA
Raymond Schembri
Sindku

FFIRMATA
Shawn Tanti
Segretarju Eżekuttiv